MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru. 545/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**MARIO XUEREB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Xuereb ta’ 48 sena, bin Joseph u Mary nee’ Demanuele, mwieled Floriana nhar il- 31 ta’ Marzu 1960, u residenti fil- fond 94, Flat 2 St. Francis Street, Floriana, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 240860(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar id- 29 ta' Gunju 2004 u fix- xhur ta' qabel din id-data, xjentement iltaqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett misruq gej minn reat ta' serq ikkwalifikat bil- valur

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li inghata zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li l-oggetti mertu tal-kawza kienu fil-pussess tal-Pulizija, u ghalhekk setghu jigu ritornati lis-sid mas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------